PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*


22.4.2008

B6-0147/2008 }
B6-0148/2008 }
B6-0149/2008 }
B6-0150/2008 }
B6-0172/2008 }
B6-0173/2008 } RC1

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura minn

– José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, João de Deus Pinheiro, Peter Šťastný, Fernando Fernández Martín, Francisco José Millán Mon u José Ribeiro e Castro, f'isem il-Grupp PPE-DE
– Martin Schulz, Pasqualina Napoletano, Marie-Arlette Carlotti, Manuel António dos Santos, Edite Estrela, Claudio Fava, Raimon Obiols i Germà, Sérgio Sousa Pinto u Luis Yañez-Barnuevo García f'isem il-Grupp PSE
– Janelly Fourtou, Josu Ortuondo Larrea, Gianluca Susta u Renate Weber, f'isem il-Grupp ALDE
– Cristiana Muscardini, Adam Bielan u Inese Vaidere, f'isem il-Grupp UEN
– Monica Frassoni, Raül Romeva i Rueda u Alain Lipietz f'isem il-Grupp Verts/ALE
– Willy Meyer Pleite, f'isem il-Grupp GUE/NGL
– Irena Belohorská

li tieħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

– PPE-DE (B6-0147/2008)
– PSE (B6-0148/2008)
– Verts/ALE (B6-0149/2008)
– ALDE (B6-0150/2008)
– UEN (B6-0172/2008)
– GUE/NGL (B6-0173/2008)

dwar il-Ħames Samit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew f'Lima

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Ħames Samit bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew f'Lima**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet ta' l-erba' Samits tal-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern ta' l-Amerika Latina u tal-Karibew u ta' l-Unjoni Ewropea li saru sa issa f'Río de Janeiro (28 u 29 ta' Ġunju 1999), f'Madrid (17 u 18 ta' Mejju 2002), fi Guadalajara (28 u 29 ta' Mejju 2004) u fi Vjenna (12 u 13 ta' Mejju 2006),

– wara li kkunsidra il-Komunikazzjoni Konġunta tat-XIII-il Laqgħa Ministrejali bejn il-Grupp ta' Rio u l-Unjoni Ewropea, li saret f'Santo Domingo fir-Repubblika Dominikana fl-20 ta' April 2007,

– Wara li kkunsidra il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Laqgħa Ministerjali ta' Djalogu ta' San José bejn it-Troika ta' l-Unjoni Ewropea u l-Ministri tal-pajjiżi ta' l-Amerika Ċentrali, li saret f'Santo Domingo fir-Repubblika Dominikana fid-19 ta' April 2007,

– wara li kkunsidra l-Att Finali tas-XVII-il Konferenza Interparlamentari bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina, li saret f'Lima bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju 2005,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-15 ta' Novembru 2001, dwar Assoċjazzjoni dinjija u Strateġija Komuni għar-Relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerka Latina[1], u tas-27 ta' April 2006 dwar koperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerka Latina,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007 dwar il-kummerċ u l-bidla fil-klima,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar il-qtil tan-nisa (femminiċidju) fil-Messiku u fl-Amerka Ċentrali u l-irwol ta' l-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra dan il-fenomenu,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana ta' l-20 ta' Diċembru 2007,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi jidher li huwa iktar neċessarju milli qatt qabel li tibqa' tissaħħaħ l-Isħubija Strateġika Bireġjonali proklamata fl-erbgħa samits preċedenti,

B. billi, għalkemm saru passi importanti, baqa' ħafna xi jsir, kemm rigward l-aspetti politiċi u ta' sigurtà, kif ukoll rigward l-aspetti soċjali, kummerċjali u baġitarji tas-Sħubija,

C. billi l-isħubija strateġika għandha tħeġġeġ għaqda bejn is-soċjetajiet tagħha, iżżid il-liveli ta' żvilupp soċjali u tikkontribwixxi b'mod deċiżiv fi tnaqqis qawwi tal-faqar u ta' l-inugwaljanzi soċjali fl-Amerka Latina, u għalhekk għandhom jitħaddmu t-tkabbir ekonomiku li qed iseħħ fir-reġjun f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll l-iskambji reċiproċi u kull

[1] ĠU C 140 E, 13.6.2002, p. 569.

forma ta' għajnuna u l-qsim ta' esperjenza fil-qasam tal-koeżjoni soċjali li tista' tipprovdi l-UE,

1. Itenni l-impenn tiegħu għall-appoġġ tal-ħidma ta' l-entitajiet distinti ta' l-integrazzjoni reġjonali fl-Ewropa u fl-Amerika Latina u sabiex jagħmel dak kollu li jista' biex jiżgura li l-Laqgħa Għolja ta' Lima tkun verament pass 'il quddiem għas-Sħubija Strateġika; japprezza l-isforzi deċiżi tal-Kopresidenza Peruvjana u Slovena tas-Samit, tal-Presidenza Slovena ta' l-Unjoni, tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill ta' l-Unjoni f'dan ir-rigward;

**Prinċipji u prijoritajiet tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali**

2. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu favur il-fokus bireġjonali u l-importanza tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali bħala l-aħjar mod biex jitħarsu l-prinċipji, l-valuri u l-interessi komuni ta' l-imsieħba fuq iż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku;

3. Ifakkar, għaldaqstant, li d-Dikjarazzjoni tas-Samit ta' Madrid (2002) dwar il-valuri u l-Pożizzjonijiet Komuni għaż-żewġ reġjuni għadha tapplika, kif ukoll ifakkar fl-impenn komuni favur il-multilateraliżmu, l-integrazzjoni reġjonali u l-koeżjoni soċjali li ġie mtenni fis-Samits ta' Guadalajara (2004) u ta' Vjenna (2006);

4. Jipproponi viżjoni strateġika konġunta għas-Sħubija, li ma tkunx limitata għal proposti u azzjonijiet iżolati u li ssegwi bħala għan aħħari l-ħolqien ta' Zona Ewro-Latinamerikana ta' Sħubija Globali Interreġjonali madwar is-sena 2012, li tinkludi Sħubija Strateġika reali fl-oqsma politiċi, ekonomiċi, soċjali, kulturali, kif ukoll il-mira konġunta ta' żvilupp sostenibbli;

5. Jirrakkomanda li l-aspetti politiċi u ta-sigurtà tas-Sħubija jkunu bbażati fuq djalogu politiku regolari, settorjali u effettiv, u fuq Karta Ewro-Latinamerikana għall-Paċi u għas-Sigurtà li, fuq il-bażi tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, tagħti ċ-ċans sabiex b'mod konġunt jitfasslu proposti politiċi, strateġiċi u ta' sigurtà;

6. Jenfasizza li, sabiex ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn is-sħab ikunu ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet, jeħtieġ li:
   - jagħtu kontribut għad-diversifikazzjoni u l-modernizzar tal-mekkaniżmi produttivi nazzjonali Latinamerikani, li għadhom jiddependu ħafna minn għadd żgħir ta' prodotti għall-esportazzjoni, ħafna minnhom primarji jew semi-industrijalizzati, permezz ta' alternattivi teknoloġiċi effikaċi u pożittivi għall-ħolqien ta' l-impjieg u għaż-żieda tad-dħul familjari;
   - jgħaddu mid-dimensjoni strettament kummerċjali għal dik ekonomika, filwaqt li jqisu l-assimetriji ta' l-ekonomiji taż-żewġ reġjuni u l-enfasi neċessarju fuq l-aspett soċjali u ambjentali, inklużi pjanijiet ta' trasferiment u ta' żvilupp tal-kapaċitajiet f'teknoloġiji favur l-ambjent u li jiġġeddu, permezz ta' investimenti mħallta bireġjonali u sistemi ta' produzzjoni komuni;

- jinsistu dwar l-importanza taż-żamma tal-prinċipju tas-sigurtà legali u l-ħtieġa li jinħoloq qafas adegwat u xieraq għall-investimenti;

- iqisu d-differenzi fil-livelli ta' l-iżvilupp relattiv, fattur li għandu jiġi tradott f'metodi ta' trattament speċjali differenzjat min-naħa ta' l-Unjoni, b'mod partikulari rigward pajjiżi b'livell inferjuri ta' żvilupp ekonomiku u soċjali;

- joħolqu inċentivi għall-integrazzjoni Latinamerikana;

7. Jappoġġja l-aġenda proposta għas-Samit ta' Lima u l-iffokar tagħha fuq iż-żewġ oqsma prinċipali: minn banda, il-kwistjonijiet relatati mal-faqar, l-inugwaljanza u l-integrazzjoni u mill-banda l-oħra, l-iżvilupp sostenibbli u s-suġġetti marbuta miegħu ta' l-ambjent, il-bidla fil-klima u l-enerġija;

8. Ifakkar li l-implimentazzjoni mgħaġġla ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana (EuroLat) wara s-Samit ta' qabel ta' Vjenna, bħala istituzzjoni parlamentari li tifforma parti mis-Sħubija Strateġika, huwa sforz importanti tal-leġittimazzjoni demokratika tas-Sħubija u tal-qafas istituzzjonali tagħha, fejn jiġu integrati l-funzjonijiet ta' dibattitu, kontroll u segwitu tal-kwistjonijiet marbuta mas-Sħubija Strateġika li għandhom x'jaqsmu ma' l-Assemblea;

9. Jirrakkomanda li s-Samit ta' Lima tafferma l-adeżjoni ta' l-UE u ta' l-LAK għall-prinċipji u l-valuri tad-demokrazija pluralista u rappreżentattiva, għal-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-istampa, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għaċ-ċaħda ta' kull forma ta' dittatorjat jew ta' awtoritarjaniżmu;

**Azzjonijiet konġunti biex jintlaħaq multilateraliżmu effikaċi**

10. Jenfasizza l-vantaġġi li l-impenn komuni favur il-multilateraliżmu jista' jġib għall-imsieħba Ewro-Latinamerikani, li flimkien jirrappreżentaw aktar minn biljun persuna u terz ta' l-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti u aktar minn kwart tal-kummerċ globali;

11. Jipproponi li s-Sħubija Strateġika tiġi msejsa fuq objettivi realistiċi u fuq programmi komuni mnebbħa mill-għażla komuni għall-multilateraliżmu (il-Protokoll ta' Kyoto, il-Qorti Kriminali Internazzjonali, il-ġlieda kontra l-piena tal-mewt u kontra t-terroriżmu, l-irwol fundamentali tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti, eċċ.);

12. Jirrakkomanda li jittieħdu azzjonijiet konġunti f'dawk l-oqsma u l-fora kollha fejn hemm konverġenza ċara tal-prinċipji, il-valuri u l-interessi tagħhom, fosthom il-paċi kollettiva u s-sistema ta' politika ta' sigurtà, organizzati fil-qafas tan-NU, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, il-politiki għall-ħarsien ta' l-ambjent, l-iżvilupp, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess ta' governanza globali u r-riforma tas-sistema finanzjarja u kummerċjali internazzjonali u ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali tagħhom (il-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO))

13. Jenfasizza li l-approċċ multilaterali hu l-aktar wieħed adegwat sabiex jiġu affrontati sfidi u

theddidiet komuni li jaffettwaw lill-imsieħba Ewro-Latinamerikani, bħalma huma l-ġlieda kontra t-terroriżmu, kontra t-traffikar tad-drogi, il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, it-traffikar tal-bnedmin (inklużi l-organizzazzjonijiet kriminali li jisfruttaw l-immigrazzjoni illegali u jibbenefikaw minnha), il-bidla fil-klima jew fir-rigward tal-kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà ta' l-enerġija;

14. Jafferma l-konvinzjoni tiegħu li l-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha ssir fil-qafas ta' rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet ċivili, u ta' l-Istat tad-Dritt; jitlob għall-ħelsien immedjat u bla ebda kundizzjoni tal-persuni kollha maħtufa fil-Kolombja, u l-ewwel u qabel kollox, dawk li huma morda; dan il-ħelsien għandu jseħħ permezz ta' deċiżjoni unilaterali tal-FARC jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni oħra responsabbli għall-ħtif jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-kuntest ta' ftehima ta' skambju umanitarju urġenti;

15. Jappoġġja r-riżoluzzjonijiet imtennija tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Laqgħa Għolja bejn EU-ALK u ta' dan il-Parlament li jiċħdu l-miżuri ġegħiela, bħal dawk li jinsabu fid-dispożizzjonijiet tal-liġijiet extraterritorjali li, minħabba l-karattru unilaterali u extraterritorjali tagħhom, huma kontra l-liġi internazzjonali, jgħawġu l-kummerċ bejn l-imsieħba Ewro-Latinamerikani u jpoġġu fil-periklu l-impenn komuni favur il-multilateraliżmu;

**Spinta deċiżiva għall-integrazzjoni reġjonali u għall-Ftehimiet ta' Sħubija**

16. Iqis li t-twettiq u l-applikazzjoni effikaċi ta' Ftehimiet ta' Sħubija bejn l-UE u l-Amerika Latina li jkunu kompluti, ambizzjużi u bbilanċjati, li jikkontribwixxu għar-rispett tad-drittijiet tal-Bniedem, dawk ekonomiċi u soċjali tal-popolazzjoni u għal żvilupp reċiproku sostenibbli, kif ukoll għat-tnaqqis ta' l-inugwaljanzi soċjali, bħala element addizzjonali għall-multilateraliżmu ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, jikkostitwixxi għan strateġiku f'kuntest internazzjonali dejjem iktar interdipendenti u kkaratterizzat mit-tkabbir ekonomiku, l-emerġenza ta' potenzi ekonomiċi ġodda u ż-żieda fl-isfidi dinjija;

17. Jipproponi għalhekk illi, fil-qasam ekonomiku u soċjali, il-ħolqien taz-zona Ewro-latinamerikana ta' l-isħubija dinjija interreġjonali jkun ibbażat fuq mudell kompatibbli mal-WTO u mar-reġjonaliżmu, applikabbli f'żewġ fażijiet:

a) fażi inizjali kkaratterizzata mill-konklużjoni tan-negozjati tal-Ftehima ta' Sħubija Interreġjonali bejn l-UE u l-Mercosur, l-UE u l-Komunità Andina u l-UE u l-Amerika Ċentrali fl-iqsar żmien possibbli, kif ukoll mit-tisħiħ tal-Ftehimiet li diġà jeżistu bejn l-UE u l-Messiku u l-UE u ċ-Ċile;

b) it-tieni fażi, li tilħaq il-qofol tagħha fl-2012, immirata lejn il-kisba ta' Ftehima ta' Sħubija Globali Interreġjonali li tagħti appoġġ legali u istituzzjonali u kopertura ġeografika sħiħa għall-aspetti differenti tas-Sħubija Strateġika, u li tqis il-moviment ħieles tal-persuni u l-iskambji kummerċjali bireġjonali permezz tat-tisħiħ, min-naħa, tal-ftehimiet ta' integrazzjoni fl-Amerika Latina u, min-naħa l-oħra, tal-proċess ta' sħubija ta' l-Unjoni mal-pajjiżi kollha u mal-gruppi reġjonali;

18. Jipproponi li s-samit ta' Lima jitlob it-twettiq ta' studju dwar il-fattibilità u dwar is-sostenibilità ambjentali u soċjali ta' ftehima ta' sħubija globali interreġjonali mill-perspettiva tal-ħolqien ta' zona ta' sħubija proposta ;

**L-Aġenda ta' Lima għall-Qerda tal-Faqar, l-inugwaljanza u l-esklużjoni**

19. Jitlob lis-Samit ta' Lima biex l-aġenda msemmija tinkludi l-adozzjoni ta' sensiela limitata ta' impenji ċari, konkreti u verifikabbli f'dawn it-temi kollha, li jkunu jistgħu jagħtu spinta ġdida lis-Sħubija Strateġika u li jtejbu b'mod sostanzjali l-livell ta' l-għixien taċ-ċittadini tagħhom taż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku; jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikulari sabiex jonqsu l-inugwaljanzi soċjali u lill-integrazzjoni tal-gruppi li bħalissa huma soċjalment emarġinati u mingħajr opportunitajiet, l-ewwelnett fost il-popolazzjoni indiġena;

20. Iħeġġeġ lill-parteċipanti tas-Samit UE-LAK biex jinkludu b'mod sistematiku d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni fil-ftehimiet bireġjonali;

21. Iqis li hu fundamentali li r-reġjuni jinkludu l-għan tal-koeżjoni soċjali b'mod permanenti, koerenti u prattiku fl-inizjattivi u fil-programmi konġunti kollha tagħhom; jafferma li l-imsieħba Ewro-Latinamerikani għandhom proġett solidari komuni fejn l-ekonmija tas-suq u l-koeżjoni soċjali m'għandhomx ikunu kuntrarji iżda kumplimentari;

22. Jirrakkomanda li l-Aġenda ta' Lima għall-qerda tal-faqar, l-inugwaljanza u l-esklużjoni għandha tinkludi miżuri konkreti bħal:

- azzjonijiet konġunti ffukati fuq l-għan komuni li jintlaħqu l-Objettivi tal-Millennju għall-Iżvilupp sas-sena 2015;
- użu ta' l-istrument finanzjarju ta' l-UE għall-koperazzjoni għall-iżvilupp adattat għall-bżonnijiet reali tat-territorju, u li għandu jkopri l-parti l-kbira tal-pajjiżi emerġenti jew li għandhom dħul medju, li għalihom il-koperazzjoni fl-oqsma tat-teknoloġija, tat-taħriġ superjuri, ta' l-innovazzjoni u ta' l-ekonomija għandha importanza partikolari;
- l-applikazzjoni progressiva ta' riżorsi li ġejjin mill-istrument finanzjarju għall-promozzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem fl-Unjoni għall-għajnuniet u għall-programmi li għandhom l-għan li jtejbu il-governanza, in-natura demokratika ta' l-istituzzjonijiet u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Amerika Latina ;
- il-ftuħ tal-programmi ta' l-UE fl-oqsma tat-taħriġ, l-edukazzjoni, il-koperazzjoni xjentifika u teknika, il-kultura, is-saħħa u l-migrazzjoni għall-pajjiżi Latinamerikani;
- l-appoġġ għal programmi ta' riformi istituzzjonali u fiskali;
- il-ħolqien ta' Fond ta' Solidarjetà Bireġjonali,
- iż-żieda fir-riżorsi baġitarji assenjati tal-livell ta' l-ambizzjonijiet kbar iddikjarati;

23. Jitlob li l-imsieħba jadottaw politiki sodi u effiċjenti fl-oqsma tal-governanza demokratika,

kwistjonijiet soċjali, finanzi pubbliċi u taxxi, bil-għan li tiżdied il-koeżjoni soċjali u li jonqsu l-faqar, l-inugwaljanzi u l-emarġinazzjoni illegali;

24. Iqis li l-edukazzjoni u l-investiment fil-kapital uman huma s-sisien tal-koeżjoni soċjali, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, u l-mobilità soċjali; itenni l-appoġġ deċiż tiegħu għall-ħolqien ta' «spazju komuni ta' tagħlim għoli UE-ALK»; jenfasizza li kemm fl-Amerika Latina kif ukoll fl-Ewropa, l-Istat għandu jiggarantixxi l-aċċess għall-edukazzjoni, kif ukoll għal servizzi pubbliċi oħra (saħħa, ilma, sigurtà);

25. Iqis li huwa essenzjali li tingħata spinta ġdida lill-politika ta' koperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-Unjoni lejn l-Amerika Latina li, filwaqt li żżomm il-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi soċjali bħala element ewlieni, tadotta fokus divrenzjat li jqis id-diversi ċirkustanzi ekonomiċi u soċjali u l-livell ta' żvilupp tal-pajjiżi ta' l-Amerika Latina;

26. Iħoss li huwa indispensabbli għaldaqstant li wieħed imur lil hinn minn fokus fuq l-assistenza biss fil-koperazzjoni għall-iżvilupp ma' l-Amerika Latina, u li l-attenzjoni tiġi ffokata fuq il-koperazzjoni fl-oqsma tat-teknoloġija, l-edukazzjoni għolja u l-innovazzjoni u li wieħed jibbenefika mir-riżorsi ġġenerati;

*Żvilupp ta' strateġiji għall-koperazzjoni fil-qasam ta' politiki dwar il-migrazzjoni*

27. Jipproponi li s-Samit iniedi djalogu bireġjonali regolari dwar il-migrazzjoni, djalogu li jiżgura li d-drittijiet tal-ħaddiema migranti jkunu rispettati irrispettivament miċ-ċirkustanzi tagħhom u li jiżviluppa u japprofondixxi l-koperazzjoni mal-pajjiżi ta' l-oriġini u ta' tranżitu ta' l-Amerika Latina fil-qasam tal-moviment ħieles tal-persuni, filwaqt li jintuża l-istess kriterju ġenerali u reċiproku li diġà jinsab applikat fil-pajjiżi tal-Mediterran u ta' l-Afrika u fil-pajjiżi ġirien ta' l-Unjoni li jinsabu fin-naħa tal-Lvant u tax-Xlokk tagħha ;

28. Jitlob li f'dan id-djalogu tingħata prijorità lill-kwistjonijiet relatati ma' l-immigrazzjoni illegali u l-possibilitajiet ta' migrazzjoni legali, b'mod speċjali ma' dawk il-pajjiżi ta' oriġini u/jew tranżitu ta' l-immigranti illegali;

29. Jipproponi li għall-2012 jiġu studjati dispożizzjonijiet u regoli komuni b'ambitu ġenerali sabiex jiffaċilitaw il-moviment liberu mhux biss tal-merkanzija, is-servizzi u l-kapital, iżda wkoll tal-persuni, filwaqt li b'mod progressiv joħolqu l-aktar Sħubija wiesgħa possibbli b'benefiċċju reċiproku u ta' l-approċċ globali rakkomandat min-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tal-migrazzjoni;

30. Itenni l-ħtieġa li jitnaqqsu l-ispejjeż eċċessivi attwali tat-trasferimenti tal-flus li l-ħaddiema migranti jibagħtu lejn pajjiżhom, kif ukoll li jiġi appoġġat ir-ritorn ta' dawk li jkunu jixtiequ dan permezz ta' programmi li jħarsu d-drittijiet kollha tagħhom u d-dinjità u l-umanità tagħhom;

31. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta Komunikazzjoni li testendi għall-pajjiżi ta' l-Amerika Latina u l-Karibew il-prijoritajiet, l-istrumenti u l-previżjonijiet ta' l-Approċċ

Dinji tal-Migrazzjoni stabbilit fil-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2005 u komplementat b'dak ta' Diċembru 2006;

**L-Aġenda ta' Lima dwar l-iżvilupp sostenibbli, u b'mod partikolari dwar l-ambjent, il-bidla fil-klima u l-enerġija**

32. Jirrakkomanda li l-aġenda politika bejn l-UE u l-pajjiżi ta' l-Amerika Latina tagħti prijorità lill-koperazzjoni fil-qasam tal-bidla fil-klima u l-politiki għall-prevenzjoni tat-tisħin dinji; ifakkar li l-ifqar persuni, u fuq kollox il-popolazzjonijiet indiġeni, huma l-ewwel vittmi tal-bidla fil-klima u ta' ambjent degradat;

33. Ifakkar li s-sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina f'dan l-aspett ġejja mir-rilevanza akbar, jekk wieħed iqis l-interess taż-żewġ partijiet fil-promozzjoni ta' l-iżvilupp sostenibbli u l-bilanċ ambjentali, fattur li jeħtieġ appoġġ reċiproku għall-inizjattivi rispettivi rigward l-ambjent fil-livell internazzjonali;

34. Jistieden lill-imsieħba Latinamerikani, fil-każijiet fejn hemm fehmiet differenti dwar id-dettalji tal-miżuri fil-ġlieda kontra l-bidla fil-klima (pereżempju, f'dak li għandu x'jaqsam mat-traffiku ta' l-ajru), biex juru attitudni kostruttiva u biex bl-ebda mod ma jimblukkaw kompletament l-inizjattivi;

35. Jirrakkomanda lill-imsieħba Ewro-Latinamerikani biex jaħdmu flimkien għall-adeżjoni tal-Protokoll ta' Kyoto tal-pajjiżi li jipproduċu l-ikbar ammonti ta' emissjonijiet u li għadhom mhumiex firmatarji ta' dan il-protokoll, u li huma jsaħħu u jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom fin-negozjati dwar strumenti internazzjonali dwar il-tisħin globali, filwaqt li jkun promoss b'mod sħiħ l-iskambju kummerċjali ta' emissjonijiet bejn iż-żewġ reġjuni;

36. Iqis li huwa indispensabbli li l-iżvilupp ekonomiku jiġi marbut ma' l-iżvilupp sostenibbli; f'dan il-kuntest, jappoġġa lill-iktar pajjiżi żvantaġġati fl-isforz doppju tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet niġġiesa u jkabbru l-progress u l-benessri soċjali tagħhom;

37. Jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' mekkaniżmi komuni u koperazzjoni fl-Amerika Latina u fl-entitajiet internazzjonali tal-Karibew bħall-Organizzazzjoni tat-Trattat ta' Koperazzjoni ta' l-Amazon, għal skopijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ffinanzjar rigward ir-rispett għall-protezzjoni u l-iżvilupp sostenibbli taz-zoni selvaġġi dinjija ewlenin li jinsabu fl-Amerika Latina bħall-Amazon u biex dawn ikunu ffinanzjati,

38. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkollabora sabiex jiġu mħeġġa politiki ambjentali fil-pajjiżi ta' l-Amerika Latina; iqis li jkun xieraq f'dan ir-rigward li tissaħħaħ il-koperazzjoni u li jogħla l-livell ta' l-aħjar prattiki, filwaqt li dan għandu jkun rifless ukoll fl-approprjazzjonijiet allokati mill-UE kif ukoll fil-politika ta' għajnuna għall-iżvilupp ;

39. Jistieden lis-Samit ta' Lima biex jiżviluppa inizjattivi konġunti fl-oqsma bħall-bidla fil-klima, id-deżertifikazzjoni, l-enerġija – u speċjalment f'dak li jirrigwarda l-enerġiji li

jiġġeddu u l-agrofjuwils -, l-ilma, il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-foresti u l-ġestjoni ta’ sustanzi kimiċi skond il-Ftehima ta’ Bali;

40. Jitlob lis-Samit ta' Lima biex dan jindirizza, jistudja u jipproponi soluzzjonijiet għall-kriżi dinjija ta' l-ikel;

**It-tisħiħ tal-mekkaniżmi istituzzjonali ta’ promozzjoni u previżjoni**

41. Jirrakkomanda wkoll:

a) il-ħolqien ta' Fundazzjoni Ewro-Latinamerikana għall-promozzjoni tad-djalogu bejn l-imsieħba, ta' natura pubblika-privata, fuq l-istess linji ta' dawk eżistenti għal zoni ġeografiċi oħra bħall-Asja jew il-Mediterran; jitlob lill-Kummissjoni biex tfassal proposta konkreta f’dan ir-rigward;

b) il-ħolqien ta’ Ċentru Bireġjonali għall-Prevenzjoni ta’ Kunflitt, iddedikat biex ikunu identifikati minn qabel il-kawżi ta’ vjolenza potenzjali u kunflitti armati u dwar l-aħjar soluzzjoni biex jiġu evitati u biex ma jibqgħux jaggravaw ruħom;

c) itenni l-proposta tiegħu għall-ħolqien ta’ Osservatorju tal-Migrazzjoni, inkarigat miss-segwitu permanenti u dettaljat tal-kwistjonijiet kollha marbuta mal-flussi migratorji fiz-zona Ewro-Latinamerikana;

42. Iqis bħala indispensabbli li tissaħħaħ id-dimensjoni parlamentari tas-Sħubija Strateġika, u li tkun żgurata l-inkorporazzjoni xierqa fl-Assemblea Ewro-Latinamerikana tal-Parlament tal-Mercosur stabbilit riċentement;

43. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Presidenza tal-V Samit bejn l-UE u l-ALK, lill-Kunsill ta' l-Unjoni u lill-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll lill-Parlamenti ta’ l-Istati Membri ta’ l-Unjoni Ewropea u lill-pajjiżi kollha ta’ l-Amerika Latina u l-Karibew, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinamerikana, lill-Parlament Latinamerikan, lill-Parlament ta’ l-Amerika Ċentrali, lill-Parlament Andin u lill-Parlament tal-Mercosur.